# Tislima lill-Erba' Vittmi tan-Nar tal-1955



**● Nhar Ħamis ix-Xirka, 7 ta' April 1955 kmieni wara nofsinhar, seħħet splużjoni qawwija fil-Kamra tan-Nar San Filep fl-inħawi tal-Kandlora, Ħaż-Żebbuġ. Mietu erba' ħaddiema tan-nar – Philip Cassar (ta' Simillu, kellu 37 sena), Anthony Debono (tal-Paradajs, ta' 29 sena), John Mary Farrugia (il-Bibillu, ta' 37 sena), u Philip Xuereb (ta' Lilel, kellu 52 sena), membri tas-Soċjetà Mużikali, Każin Banda San Filep.**




Farrugia u Debono mietu mill-ewwel u nħarġu minn taħt it-tiġrif bilkemm jingħarfu waqt li Cassar u Xuereb mietu l-għada fl-isptar San Luqa. Skont ir-rapport tal-pulizija, kien sar żball fit-taħlit meta ntużat il-pitassa minflok in-nitru. Il-funeral tagħhom sar nhar Sibt il-Għid, 9 t'April 1955, akkumpanjat mill-Banda San Filep sal-qabar fiċ-ċimiterju tal-Qalb ta' Ġesù, Ħaż-Żebbuġ. Akkumpanjaw bl-istandarti diversi soċjetajiet minn irħula oħra. Tqassmu santi bir-ritratti tagħhom, li għadhom miżmuma b'għożża minn bosta. B'sinjal ta' rispett dik is-sena l-festa ta' San Filep la kellha nar, la armar u lanqas banda.

Kienu erba' persuni maħbuba fil-familji tagħhom, fil-Każin San Filep u f'Ħaż-Żebbuġ. Erba' ġentlomi, iħobbu lill-familji tagħhom u mġienen wara l-festa ta' San Filep. Illum sittin sena wara din it-traġedja, il-memorja ta' dawn l-erba' ħaddiema tan-nar li ħallew ħajjithom jaħdmu għall-festa ta' San Filep, għadha ħajja fost iż-Żebbuġin: ta' kull sena jsir quddies b'suffraġju għal ruħhom u jitpoġġew fjuri fuq qabarhom. Fl-2005 sar ukoll korteo sa fuq il-qabar tagħhom fiċ-ċimiterju tal-Qalb ta' Ġesù, li fih ħadu sehem il-familjarji u l-qraba tagħhom flimkien ma' għadd numeruż ta' membri u uffiċjali tal-Għaqda Każin Banda San Filep li reġgħet qassmet ukoll santi ta' tifkira.

Nhar it-Tlieta 7 t'April 2015, fis-7.00pm, kienet iċċelebrata quddiesa b'suffraġju għal ruħhom fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ.